

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprijetarju tat-trade mark ikkонтestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali “Southern Territory 23°48'25"S” – Trade mark Komunitarja Nru 10 099 554

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-10 ta' Novembru 2015 fil-Każ R 735/2015-4

Talbiet

— tirriforma d-deċiżjoni kkontestata billi tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja Nru 10 099 554 “Southern Territory 23°48'25"S”;

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 53(1)(a) moqrif flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Jannar 2016 – Toshiba Samsung Storage Technology u Toshiba Samsung Storage Technology Korea vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-8/16)

(2016/C 098/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Toshiba Samsung Storage Technology Corp. (Tokyo, il-Ġappun) u Toshiba Samsung Storage Technology Korea Corp. (Gyeonggi-do, ir-Repubblika tal-Korea) (rappreżentanti: M. Bay, J. Ruiz Calzado, A. Aresu u A. Scordamaglia Tousis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla, kompletament jew parjalment, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ottubru 2015, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Enonomika Ewropea, mogħtija fil-Każ AT.39639 – apparat li jaqra d-diski ottiċi;
- barra minn hekk, jew sussidjarjament, tnaqqas sostanzjalment l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż; u
- tordna kwalunkwe miżura li l-Qorti Ġeneralu jidhrilha xierqa fiċ-ċirkustanzi tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw disa' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbaż fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, li jirriżulta mill-klassifikazzjoni ġuridika inkonsistenti tal-agħir, mill-motivazzjoni kontradittorja jew, tal-inqas, insuffiċjenti dwar il-klassifikazzjoni ġuridika tal-ksur allegat, min-nuqqas li jingħata aċċess għal provi li jiskaġunaw u mill-invokazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ta' diversi elementi ġuridiċi u fattwali li ma ġewx indirizzati fid-dikjarazzjoni tal-oġġeżżonijiet.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE b'rabta mal-konstatazzjoni ta' effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi fid-determinazzjoni tal-portata ġeografika tal-ksur tal-Artikolu 101 TFUE.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi fl-appliazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE b'rabta mal-konstatazzjoni ta' ksur uniku.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi fir-rigward tal-allegat fatt li r-rikorrenti kienu konxji mill-ksur uniku kollu kemm hu u, iktar speċifikament, mill-parteċipazzjoni tad-destinatarji l-oħra kollha.
6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi fir-rigward tal-data tal-bidu tal-allegata parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur uniku kollu kemm hu.
7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi fir-rigward tal-portata tal-ksur imputat lir-rikorrenti, li jirriżultaw mill-konstatazzjoni li r-rikorrenti kienu involuti fi "ftekimiet" antikompetitivi.
8. It-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni relatati, li jirriżulta mit-tul manifestament eċċessiv tal-investigazzjoni.
9. Id-disa' motiv, ibbażat, sussidjarjament, fuq żbalji fil-kalkolu tal-multa, li jirriżultaw:
 - min-nuqqas tal-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni (a) l-fatt li r-rikorrenti huma impriżi monoproduutriċi, (b) ċirkustanzi addizzjonali li jillimitaw il-gravità tal-agħir individwali tar-rikorrenti u ċirkustanzi attenwanti; u
 - min-nuqqas tal-Kummissjoni li tagħti l-valur xieraq liċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-ksur meta ddeterminat il-livell tal-koeffiċjent ta' gravità u tat-tariffa għad-dħul.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2016 – Skechers USA France vs UASI (IM Production (Żraben))

(Kawża T-9/16)

(2016/C 098/68)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Skechers USA France (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: J. Horn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: IM Production SAS (Paris)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprietarju tad-disinn ikkонтestat: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Disinn ikkонтestat ikkonċernat: disinn Komunitarju Nru 1 221 584-0023

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Settembru 2015 fil-Każ R 2429/2013-3